MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Talba Numru. 408/2011

**Paul Camilleri**
**Vs**
**N. Calleja Trading Enterprises Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ippremetta illi kien impjegat mas-socjeta' intimata sat-12 t'April, 2010; illi s-socjeta' intimata ghandha taghti lir-rikorrenti s-somma ta' seba' mija u sittin ewro, sitta u tlettin centezmu (€760.36) rapprezentanti paga, notice, bonus etc liema somma giet stabilita mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-impjieg; illi nterpellata diversi drabi kemm mill-konsulent legali tar-rikorrenti kif ukoll mid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-impjieg sabiex isir il-pagament, s-socjeta' intimata baqghet inadempjenti; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Marzu 2011 u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' intimata li minn issa d-diretturi taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata li biha ecceppew li s-socjeta' N. Calleja Trading Enterprises Limited tirrespringi l-pretensjonijiet ta' l-attur bhala nfondati fil-fatt u d-dritt ghal dawn ir-ragunijiet: 1. Ammont mitlub: l-esponenti tirrispingi t-talba ghal-hlas ta' l-ammont ta' €760.36 bhala eccessiva u dan ghaliex kif jirrizulta mill-anness dokument "A" il-paga tar-rikorrenti ghall-perjodu mill-ewwel (1) ta' April, 2010 sat- tnax (12) ta' April, 2010 kienet tammonta ghal tlett mija u disgha u hamsin ewro u tletin centezmu (€359.30). L-esponenti umilment tissottometti illi kwalunkwe talba tar-rikorrenti ghal xi somma verjuri ghandha tigi ppruvata.

Sema' x-xhieda tal-attur u Manwel Cachia raprezentant tad-Dipartiment tal-Indusrija u l-Impiegi;

Sema' x-xhieda ta' Christine Calleja, direttrici tas-socjeta konvenuta;

Ra d-dokumenti kollha;

Ra 'l-verbal tat- 30 ta' Jannar, 2013 fejn il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghall-lum.

Ikkunsidra:

L-attur, fix-xhieda tieghu, ddikjara li huwa kien impjegat mas-socjeta' attrici u li kien gie mkecci mix-xoghol. Rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu infurmawh li lestewlu cekk pero' kienu nsistew li jmur jigbru hu personalment. Hu ma xtaqx jagghel dan ghaliex kienu nqalghu problemi u sahasitra 'ndahlu l-pulizija meta kollega fl-istess sitwazzjoni kien mar ghac-cekk tieghu. Huwa stqarr li l-ammont li qed jintalab gie stabbilit mid-Dipartiment tar-Relazzjoni tal-Industrija u l-Impiegi.

Fix-xhieda tieghu Manwel Cachia, Rapprezentat Dipartiment tar-Relazzjoni tal-Industrija u l-Impieg, spjega kif wasal ghall-ammont ta' seba' mija u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€760.36) ossia:

(i) €270.24 - paga bir-rata ta' tliet ewro u sebghin ewro (€3.70) kull gurnata ghall-perjodu bejn l- 1 t'April 2010 sat-12 t'April 2010;
(ii) €337.76 - peress i skont it-*termination form* kien gie mkecci minhabba *redundancy* – tidhol gimghatejn *notice;*
(iii) €67.56 – leave ghax-xahar t'April;
(iv) €75.48 – bonuses mill-1 ta' Jannar s'April 2010; u
(v) €9.32 – weekly allowance skont il-ligi.

Ix-xhud zied li fil-kaz illi gie mkecci minhabba proceduri kriminali kontrih wiehed ghandu jnaqqas biss l-ammont ta' €337.62.

Xehdet ukoll Christine Calleja li spjegat li gie tterminat l-impieg ghaliex inqatet sentenza kontrih fi proceduri kriminali ghall-vjolenza kagonata fuq terz. Hi ddikjarat li l-attur kellu diversi *warnings* ghaliex kien hemm diversi lmenti fuq il-komportament tieghu[1]. Pero' kienu keccewh biss wara li rcievew is-sentenza fejn instab hati. Kienet hi li mliet il-formola tat-terminazzjoni. Iddikjarat illi bi zball indikat il-kaxxa ta' *business closed down* meta fil-fatt riedet tindika kaxxa ohra ossia *on disciplinary grounds*. Infatti l-*business* ghadu ghaddej. Kienu sahansitra baghtu lil ETC biex jinfurmawhom illi kien sar zball[2]. Dan gie ikkuntestat u Manwel Cachia ddikjara li qatt ma rcieva l-ittra ghall-bidla fil-formola. Pero' l-ittra kienet ntbaghtet permezz ta' *fax transmission*.[3]

It-Tribunal ikkunsidera li ghalhekk johrog car illi minkejja l-foromola tat-terminazzjon l-attur gie mkecci minhabba ragunijiet dixxiplinarji u ghalhekk kieku ma sarx zball fil-formula kien jithallas is-somma ta' seba' mija u sittin ewro u sitta u tletin centezmu (€760.36) li minnu jitnaqqas il-hlas tan- *notice* cioe', tliet mija sebgha u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€377.76) – kif gie ddikjarat mix-xhud Manwel Cachia u l-ammont kif mnizzel fid-dokument EC2, a fol. 23 tal-process – li kien jwassal ghas-somma ta' erba' mija tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€ 422.74). Illi johrog car illi dan kien zball

[1] Ara Dok CC1 u CC2 a fol 31 u 32
[2] Ara Dok CC5
[3] Ara Dok X u Y

genwin u hareg ukoll illi s-socjeta attrici ppruvat taghmel korrezzjoni ta' dan l-izball minkejja l-fatt illi d-dipartiment koncernat ma kellux prova ta' dan.

Huwa *ormai* maghruf li l-ligi li bih twaqqaf it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) tipprovdi li t-Tribunal ghandu jaqta' kull kaz quddiemu principalment skont l-ekwita'. Tenut kont tal-fatti, t-Tribunal ihoss ghalhekk illi ghandu jitnaqqas l-ammont tan-*notice* u dan ghaliex hareg car li l-attur tkecca fuq ragunijet dixxiplinarji. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-attur m'ghandux jippretendi li jithallas somma li ma kienx jixraqlu *in buona fede* jiehu.

**Decide**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal u *arbitrio boni viri* jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur in parte u jilqa' l-eccezzjonijiet tas-Socjeta' konvenuta, in parte ukoll, fl-ammont t' erba' mija tnejn u ghoxrin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€422.74) u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez jigu ssapportati wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------